**29 ta' Marzu 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Frank Attard

**Oltraġġ — Uffiċjal Publiku — Inġurja — Kontravvenzjoni — Art. 94 u 353(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-reat ta' oltraġġ hu forma ta' inġurja ta' grav'tà speċjali, minħabba dak ir-rispett li raġjonevolment kull ċittadin għandu juri lejn uffiċjal publiku.*

*L-elementi ta' dan ir-reat huma li l-att leżiv isir "de visu" tal-uffiċjal publ'ku, u li l-kliem jingħad "officio durante"; imma dejjem hu meħtieġ l-"animus injuriandi", li hu d-dolo speċ'fiku ta' dan ir-reat. Għalhekk, jekk l-imputat wera nuqqas lill-uffiċjal publiku għaliex kien subbjettivament konvint li dak l-uffiċjal kien qiegħed inġustifikatament jirrifjuta l' jaderixxi għal rikjesta leġittima tiegħu, dak l-imputat jinsab skriminat minn dan ir-reat.*

*Però, il-kliem inġurjuż jammonta għal insult ta' natura kontravvenzjonali, peress li fil-kontravvenzjonijiet ma hix neċessarja l-'ntenzjoni kriminuża imma hi biżżejjed il-volontarjetà tal-att.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra ċ-ċitat, talli fl-20 ta' Jannar 1958, f'xi s-1.30 p.m., waqt li kien f'Kingsway, Valletta, insulta lill-kuntistabbli nru. 831 J. Costa, uffiċjal inkarigat minn servizz publiku, waqt li kien jagħmel dmiru;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Frar 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni hi taħt l-art. 94 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla reat ta' "oltraggio", li hu forma ta' inġurja ta' gravità speċjali minħabba dak ir-"rationabile obsequium" li kull ċittadin għandu juri lejn uffiċjal publiku (ara Frola, Delle Ingiurie e Diffamazioni, p. 502; Crivellari, Cod. Penale, Vol. VI, art. 184, paġ. 213, § 358);

Il-fatti li minnhom oriġina dan il-proċess huma dawn. Fl-20 ta' Jannar li għadda, għal xi s-sigħa u kwart p.m., ġara nċident awtomobilistiku ħdejn l-istabbiliment ta' Wembley fi Strada Rjali, il-Belt, meta karrozza telgħet fuq il-bankina. L-imputat, li hu fotografu tal-ġurnal "Times of Malta", beda jieħu r-ritratt għall-ġurnal, u ċertu Paolo Formosa, impjegat tad-driver tal-karrozza, li forsi ma riedx għal skopijiet tiegħu, li l-inċident ikollu publiċità żejda, mar fuq l-imputat, u żgur għal darbtejn imminaċċjah biex ma jieħux aktar ritratti, u qallu l-kliem "niskarnak". L-imputat mar allura fuq il-kuntistabbli Costa, u talbu biex jagħmel ċitazzjoni lil Formosa. Il-kuntistabbli

qallu "Issa ħallini", u baqa' sejjer lejn Strada Rjali; imma mbgħad reġà ġie u staqsa lill-imputat kellux xhieda; u kien allura li l-imputat qa'lu:— "Inti ma kontx ħdejja? Ma smajtux jgħidli? Trid tkun fis-sakra biex ma smajtux";

*L-oltraġġ* hu magħmul jikkonsisti f'dawn *il-kliem* tal-aħħar, ċjoè "trid tkun fis-sakra biex ma smajtux";

Din hi l-versjoni li ta' l-imputat stess, u li, wara li sar il-konfront, ġiet aċċettata bħala eżatta mill-kuntistabbli Costa;

Ma jistgħax jiġi dubitat li dawn ir-rekwiżiti tal-oltraġġ, li jikkonsistu fl-element li l-att leżiv isir "de visu" u fl-element l-ieħor li l-kliem jingħadu "officio durante", huma soddisfatti. Din il-Qorti, però, ma hijiex konvinta li kien hemm l-"animus iniuriandi", li hu d-dolo speċifiku tar-reat tal-oltraġġ. Jekk wieħed jeżamina l-kliem "Trid tkun fis-sakra biex ma tisimgħux" fil-kont taċ-ċirkustanzi u tal-kliem l-oħra, għandu jiġi għall-konklużjoni li l-imputat ma kellux il-ħsieb jaddebita fatt diffamatorju lill-kuntistabbli Costa, jew li jikkonkretalu l-valur morali tiegħu (Crivellari ibidem, § 360); imma l-ħsieb tiegħu kien li jesprimi, f'mod enfatiku u vivaċi, li stagħġiba tiegħu li l-kuntistabbli Costa ma semgħax lil Formosa jgħid lill-imputat "jien niskarnak". Ma hi xejn ħaġa kbira li l-kuntistabbli Costa ma semgħax lil Formosa jgħid dawk il-kliem; u l-Qorti ma għandha ebda raġuni biex taħseb li Costa semagħhom u li ntant ma riedx iħarrek lil Formosa, jew li Costa għamel xi ħaġa skorretta. Imma, minn naħa l-oħra, mill-kwadru taċ-ċirkustanzi u mid-diportament tal-imputat fil-pedana tax-xhieda, il-*Qorti hi* soddisfatta li l-imputat kien subbjettivament konvint li Costa kien talment viċin li kien imissu sama' dak id-diskors. U dik il-kredenza tiegħu raġjonevoli, anki jekk mhux konformi għar-realtà, li Costa inġustifikatament (kif kien qed jaħseb hu) ma kienx qiegħed jaderixxi għar-rikjesta tiegħu leġittima, tiskriminaħ minn dan ir-reat. Ingħad fil-ġurisprudenza taljana:— "*La ragionevole credenza di essere stato vittima di un atto arbitrario da parte del pubblico ufficiale scagiona l'imputato di oltraggio*" (Gpza. sul Cod. Penale, Ugo Conti, art. 194, para. 163);

Hu tal-akbar importanza f'din il-materja, għall-finijiet tal-indaġini dwar l-intenzjoni, li wieħed ma jiżolax il-kliem denunzjati, imma li jqieshom fil-kontest taċ-ċirkustanzi konkomitanti li jkunu ġiebuhom (ara "Agius vs. Galea Montebello", 12 ta' Awissu 1907, App. Krim. Vol. XX-IV-12; ara wkoll Cassaz. Torino, 17 Novembre 1875 in causa Rosati, Foro Ital., A. 1876, 142);

Lanqas hi traskurabbli, għall-indaġini tal-intenzjoni, l-osservazzjoni tad-difensur li l-kliem li minnhom oriġina dan il-proċess huma mod li ta' spiss jintuża fil-parlata komuni, biex wieħed jesprimi enfatikament is-sorpiża tiegħu li ħadd ieħor għamel jew ma għamelx xi ħaġa kif ma kienx mistenni;

Għalhekk din il-Qorti ma ssibx l-"animus iniuriandi" meħtieġ għar-reat ta' oltraġġ;

Però, il-kliem fuq imsemmija jammontaw għall-insult ta' natura kontravvenzjonali kontemplat fl-art. 353(1)(e) Kap. 12, peress li fil-kontravvenzjonijiet ma hix neċessarja l-intenzjoni kriminuża, imma hi biżżejjed il-volontarjetà tal-att;

Il-każ hu però ħafif talment li jimmerita l-provvediment infraskritt;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha in kwantu li sabet lill-imputat ħati tar-reat ta' oltraġġ kontemplat fl-art. 94 Kap. 12, u ssibu, minflok, ħati biss tal-kontravvenzjoni ta' insult skond l-art. 353(1)(e) ibidem;

Il-piena tibqa' dik ġa nflitta;

In vista taċ-ċirkustanzi attenwanti tal-każ, tordna, wara li rat l-art. 8 tal-Kap. 118 Ediz. Riv., li din il-kundanna ma tiġix imniżżla fil-kondotta tal-imputat.